MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 502/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**

**vs**

**Curtis Bakoush**
**omissis**
**Malcolm Brian Mercieca**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Curtis Bakoush ta’ 20 sena, iben Ali Abdullah Omar u Jane nee’ Zammit, imwieled Pieta’ nhar it-28 ta’ Lulju 1989, residenti gewwa 60, Flat 1, Triq l-Isptar, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 340689(M) u omissis u l-imputat Malcolm Brian Mercieca ta’ 24 sena, iben il-missier mhux maghruf u Silvana Mercieca, imwieled il-Pieta’ nhar is-26 ta’ Mejju 1985,

residenti gewwa 6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Rikazli, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 279285(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-18 ta’ Novembru 2009, ghall-habta tal-hdax ta’ bil-lejl, minn gewwa l-fond bl-isem Café De Baron li jinsab fi Triq il-Batterija, il-Belt Valletta, ikkommettew serq ta’ makna tas-sigaretti, liema serq huwa aggravat bil-persuna, vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Martin Baron u ghall-kumpanija bl-isem British American Tobacco Ltd u/jew persuna jew persuni ohra;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u dan ghad-detriment tal-kumpanija bl-isem British American Tobacco Ltd u/jew persuna jew persuni ohra;

Lil Curtis Bakoush wahdu akkuzat ukoll talli:

Nhar il-11 ta’ Jannar 2008 ghall habta ta’ l-hamsa ta’ filghaxija minn gewwa vettura LCA884 li kienet ipparkjata gewwa Sant Iermu fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom apparat tad-diving u ghodda ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu ewro (€232.94) izda li ma jaqbizx l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ewro (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Subway Diving Ltd u/jew persuna/i ohra;

Kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza ghal sentejn moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta),

Magistrat Dr Anthony G Vella LL.D fil-21/01/2008, liema perjodu ta’ sospensjoni kien rega beda jghodd mill-bidu b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Edwina Grima LL.D fl-14 ta’ April 2008.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba biex titratta ma’ Curtis Bakoush, omissis u Malcolm Brian Mercieca bhala li huma recedivi b’sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-16 ta’ Awwissu 2010 (inserita a fol. 390 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(1) FIR-RIGWARD TA’ CURTIS BAKOUSH WAHDU:

a. Fl-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(1)(a), 264(1), 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(a), 280(2) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-artikolu 261(b)(c)(g), 263(1)(a), 264(1), 265, 267, 271(g) u fl-artikolu 278(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. Fl-artikoli 17, 23, 31, 42, 43, 46, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Mata;

(2) FIR-RIGWARD TA’ MALCOLM BRIAN MERCIECA WAHDU:
a. Fl-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(1)(a), 264(1), 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(a), 280(2) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-artikoli 17, 23, 31, 42, 43, 46, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tal-4 ta’ Novembru 2011, iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg serqiet separati li sehhew wahda fit-18 ta’ Novembru 2009 ghall-habta tal-11.00pm minn gewwa l-fond Café De Baron li jinsab fi Triq il-Batterija, Valletta fejn insterqet magna tas-sigaretti u fejn giet kagunata hsara fil-fond u serqa ohra li sehhet fil-11 ta’ Jannar 2008 ghall-habta tal-5.00pm minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCA 884 liema vettura kienet parkeggjata fi Triq Sant Iermu, l-Belt Valletta u minn fejn insterqu diversi oggetti relatati mad-diving li l-valur taghhom kien jeccedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux l-elfejn tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u liema serq kien ukoll kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta’ Subway Diving Limited.

Il-Qorti sejra l-ewwel tghaddi sabiex tezamina l-provi rigwardanti l-ewwel serqa fejn qed jigu akkuzati z-zewg imputati u sejra mbaghad tghaddi sabiex tikkunsidra jekk tistghax tirrizulta r-rejita’ fil-konfronti taz-zewg imputati abbazi ta’ dawn il-provi. Mill-provi rrizulta li l-Pulizija rceviet rapport minghand zewg persuni li kienu residenti fil-British Hotel li tinsab fin-naha t’isfel ta’ Triq il-Batterija, l-Belt Valletta fejn huma qalu li kienu semghu hsejjes kbar gejjin mit-tarag li hemm ma gemb il-British Hotel u meta hargu jittawlu raw magna tas-sigaretti qed tigi mbuttatha fit-tarag u wara raw zewgt irgiel jimbuttawha l’isfel. Huma taw deskrizzjoni tad-dehra taz-zewgt irgiel u ta’ x’kienu lebsin. Dawn iz-zewg persuni li huma Deborah Elliott u Alfred Grech Ellul fil-fatt xehdu f’dawn il-proceduri waqt l-

udjenza tal-20 ta' Novembru 2009 fejn huma filwaqt li taw deskrizzjoni ta' x'kienu lebsin iz-zewg persuni li raw jimbuttaw il-magna tas-sigaretti ma kienux f'posizzjoni li jidentifikawhom. Wara li sar dan ir-rapport il-Pulizija kompliet bl-investigazzjonijiet taghha fejn irrizultalha li din il-magna kienet insterqet minn Café De Baron fejn kien sar sgass sabiex il-malviventi jidhlu fil-post. Abbazi tal-informazzjoni moghtija minn Elliott u Grech Ellul il-Pulizija arrestat lil certu Annise Bejaoui li kien qieghed f'vettura hdejn Sant Iermu u li kien liebes flokk iswed bil-kliem *Always* fuqu u li kien jaqbel mad-deskrizzjoni moghtija minn Elliott u Grech Ellul. Annise Bejaoui gie nterrogat mill-Pulizija fejn irrilaxxja stqarrija[1] fejn huwa ammetta l-involviment tieghu fis-serqa u spjega li kien effetwa l-istess serqa flimkien mal-imputati odjerni Curtis Bakoush u Malcolm Brian Mercieca. Annise Bejaoui, li originarjament kien ko-akkuzat mal-imputati odjerni ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u fit-3 ta' Marzu 2011 saret is-separazzjoni tal-gudizzju fejn il-proceduri fil-konfronti tieghu tkomplew separatament mill-proceduri odjerni. Wara li nghatat sentenza fil-konfronti ta' Annise Bejaoui huwa gie prodott bhala xhud f'dawn il-proceduri fejn xehed waqt l-udjenzi tat-2 ta' Gunju 2011 u tat-8 ta' Lulju 2011 fejn huwa cahad dak kollu li kien qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata fil-konfronti tal-imputati Mercieca u Bakoush u sostna li huma ma kienux involuti fis-serqa minn Café De Baron u qal li huwa kien effetwa din is-serqa wahdu. Huwa sostna wkoll li kien semma lil Bakoush u Mercieca lil Pulizija meta rrilaxxja l-istqarrija ghaliex kien imbezza' peress li kien ghadu hiereg mill-habs u haseb li seta' jkun ta' vantagg ghalih li jghid dawk l-affarijiet. Nonostante li huwa gie dikjarat bhala xhud ostili Annise Bejaoui baqa' jichad li l-imputati odjerni b'xi mod kienu nvoluti fis-serqa tat-18 ta' Novembru 2009 minn Café De Baron.

Illi f'dawn il-proceduri gie nominat bhala espert tal-impronti digitali Joseph Mallia[2] fejn dan eleva l-impronti digitali tal-imputat Bakoush u ghamel ezami komparattiv ta' dawn l-

[1] Inserita a fol.385 u 386 ta' dawn l-atti.
[2] Rapport relattiv inserit a fol. 28 et sequitur tal-atti processwali.

impronti digitali ma xi lifters li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt izda mir-rapport tieghu jirrizulta li l-prints li ttiehdu minn fuq ix-xena tad-delitt ma kienux tajbin ghal finijiet ta' komparazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti jidrilha li ma tistghax tqies l-istqarrija rilaxxjata minn Annise Bejaoui bhal prova ammissibbli fil-konfronti taz-zewg imputati odjerni ghal finijiet ta' sejbien ta' htija u dan ghaliex din l-istqarrijia ma gietx guramentata. Meta Annise Bejaoui xehed bil-gurament f'dawn il-proceduri huwa cahad dak kollu li kien qal fl-istqarrija dwar l-involviment tal-imputati odjerni. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li ma ngabux provi li jindikaw sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputati odjerni kienu nvoluti fis-serqa tat-18 ta' Novembru 2009 minn Café De Baron. Id-deskrizzjoni moghtija minn Elliott u Grech Ellul dwar l-ilbies ma tistghax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Mercieca kien wiehed mil-irgiel li raw l-imsemmija xhieda qed jimbotta l-kaxxa tas-sigaretti. Huwa minnu li l-flokk li kien liebes Mercieca meta gie arrestat u li gie elevat mill-Pulizija u gie esebit f'dawn il-proceduri huwa simili ghal dak deskritt min Elliott u Grech Ellul izda meta dawn tal-ahhar xehdu f'dawn il-proceduri huma ma ddentifikawx il-flokk li kien liebes Mercieca bhala l-istess wiehed li kienu raw dakinhar tas-serqa u kif diga inghad aktar il'fuq l-anqas ma kienu f'posizzjoni li jidentifikaw lil Mercieca bhala wiehed mill-persuni li raw.

Il-Qorti jidrilha li abbazi tal-provi li ghandha quddiemha l-imputati ma jistghux jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom rigwardanti s-serqa tat-18 ta' Novembru 2009 minn Café De Baron.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni serqa, u cioe' dik tal-11 ta' Jannar 2008 fejn qed jigi akkuzat l-imputat Curtis Bakoush wahdu rrizulta li il-hgiega tan-naha tax-xellug tal-vann Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni LCA884 instab

imkisser u mill-vann instabu nieqsa diving equipment konsistenti f'oxygen regulator, air gauge u kaxxa tal-ghodda[3]. F'dawn il-proceduri xehed PS 198 Arthur Debattista[4] fejn huwa esebixxa zewg lifters li kien eleva min-naha ta' gewwa tal-hgiega sliding tan-naha tax-xellug tal-vann Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni LCA884 fit-12 ta' Jannar 2008. Kif diga' ntqal aktar il'fuq f'dawn il-proceduri gie nominat bhala espert tal-impronti digitali Joseph Mallia sabiex jaghmel ezami komparattiv tal-lifters li gew elevati miz-zewg xeni tad-delitt li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna mal-impronti digitali tal-imputat Bakoush. Mir-rapport tal-imsemmi espert jirrizulta li "Illi t-tieni (2) impronta li tidher elevate minn naha tax-xellug tal-lifter document 08 ACQ 301, giet ikkomparata pozittivament mal-marka tas-saba l-werrej ta' l-id il-leminija ta' Curtis Bakoush li joqghod fil-fond numru 60, Flat numru 1, Old Hospital Street, il-Belt Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 340689(M)". Jirrizulta li dan il-lifter gie elevat min-naha ta' gewwa tal-hgiega tas-sliding window tal-vann u ghalhekk zgur li ma hemm ebda raguni valida il-ghala l-impronta digitali tal-imputat Curtis Bakoush kellha tinstab fuq in-naha ta' gewwa tat-tieqa tal-vann ghajr ghaliex huwa kien involut fis-serqa tal-11 ta' Jannar 2008. Il-Qorti jidrilha li din il-prova tikkostitwixxi prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Curtis Bakoush kien involut f'din is-serqa u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet rigwardanti din is-serqa.

Illi l-imputat Curtis Bakoush gie ukoll akkuzat li kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfronti tieghu fil-21 ta' Jannar 2008. Apparti l-fatt li din is-sentenza inghatat wara s-serqa li taghha l-imputat Bakoush sejjer jinstab hati, fi kwalunkwe kaz jirrizulta mill-provi li din is-sentenza diga' giet reza operattiva minn din il-Qorti kif diversament presjeduta u ghalhekk il-Qorti sejra tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

[3] Okkorrenza relattiva nserita a fol. 87 u 88 tal-atti processwali.
[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 183 u 184 tal-atti processwali.

Illi ghal finijiet ta' piena l-Qorti mhux ser titratta mal-imputat Curtis Bakoush bhala recidiv stante li s-sentenzi li gew esebiti fil-konfronti tieghu lkoll inghataw wara l-11 ta' Jannar 2008 u cioe' d-data tas-serqa li taghha huwa ser jinstab hati. Il-Qorti izda tenut kont tal-fedina penali tieghu jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva ghaliex jidher li ghalkemm l-imputat inghata l-opportunita' sabiex jirriforma ruhu huwa ghazel li jintraprendi b'mod assidwu t-triq tal-kriminalita'.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat in-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Awwissu 2010 u senjatament l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 279 u 20 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Curtis Bakoush hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Curtis Bakoush mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Malcolm Brian Mercieca mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tikkundanna lill-imputat Curtis Bakoush sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija tmienja u ghoxrin ewro u sitta u hamsin centezmu (€528.56) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------